# Regoli ġodda

Il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar sustanzi kimiċi nbidlet fis-snin riċenti bl-introduzzjoni ta' erba' regolamenti li jiżguraw il-moviment liberu ta' sustanzi kimiċi fl-Unjoni Ewropea u livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent:

- **REACH** - ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi;
- **CLP** – il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġar ta' sustanzi kimiċi perikolużi;
- **BPR** – ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali;
- **PIC** – Kunsens Infurmat minn Qabel fil-kummerċ internazzjonali tas-sustanzi kimiċi perikolużi u l-pestiċidi.

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti ta' dawn ir-regolamenti madwar l-Unjoni Ewropea kollha u fil-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea – l-Islanda, il-Lichtenstein u n-Norveġja.

Aħna nipprovdu informazzjoni fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE dwar il-leġiżlazzjoni fuq il-websajt tagħna.

## Terminoloġija fil-lingwa tiegħek

ECHA-term hija servizz onlajn b'iżjed minn 1 300 terminu legali u d-definizzjonijiet tagħhom fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE li jistgħu jiġu ffiltrati u mniżżla f'diversi formati.

http://echa-term.echa.europa.eu/

# L-ECHA hija ta' interess għalija?

Iva, jekk inti:

- **Kumpanija** li timmanifattura, timporta, tqassam jew tuża s-sustanzi kimiċi;
- **Ħaddiem** li timmaniġġja s-sustanzi kimiċi;
- **Assoċjazzjoni professjonali u industrijali** fis-settur kimiku jew tal-manifattura;
- **Organizzazzjoni nongovernattiva** attiva fil-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent u d-drittijiet tal-annimali;
- **Konsumatur** interessat fi prodotti iżjed siguri u konsum sostenibbli;
- **Ġurnalist** li jkopri s-saħħa, l-ambjent, il-konsumatur, in-negozju u kwistjonijiet relatati;
- **Persuna li tfassal il-politika** fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali;
- **Awtorità nazzjonali** fl-UE u fiż-Żona Ekonomika Ewropea;
- **Xjentist jew akkademiku** involut jew interessat fix-xjenza regolatorja.

**Ikkuntattja lill-ECHA fuq:**
http://echa.europa.eu/mt/contact
telefon +358-9-686180

**Segwina fuq:**
@EU_ECHA
www.facebook.com/EUECHA

© Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2014

ECHA-14-L-04-MT - ED-02-14-723-MT-C - ISBN:978-92-9244-703-8 - DOI:10.2823/43233

ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Daqqa t'għajn lejn is-Servizzi tal-ECHA



# Ngħinu lill-kumpaniji jkunu konformi

Inti tista' tuża l-websajt tal-ECHA biex:

**Tidentifika l-obbligi tiegħek**
Uża n-Navigator biex issir taf dwar ir-rwol tiegħek taħt ir-regolamenti REACH u CLP u biex tikseb gwida.

**Iżżomm ruħek aġġornat**
Abbona għall-aħbarijiet tagħna fuq:
http://echa.europa.eu/mt/subscribe

**Tipparteċipa f'avvenimenti**
Il-konferenzi annwali tagħna għall-partijiet interessati b'sessjonijiet ta' konsultazzjoni individwali huma mingħajr ħlas jew inkella tista' ssegwihom onlajn. Inti tista' wkoll tirreġistra għall-programm ta' webinars onlajn mingħajr ħlas.

**Issib tweġibiet għal mistoqsijiet tipiċi**
Ibbrawżja jew fittex bil-kelma ewlenija fil-lista dejjem tikber ta' mistoqsijiet frekwenti.

**Issib għajnuna fil-lingwi tal-UE**
Uża l-websajt tagħna u l-uffiċċji nazzjonali ta' informazzjoni tiegħek.

**Tiċċekkja jekk tikkwalifikax għal tariffi mnaqqsa**
L-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jħallsu inqas biex jikkonformaw mar-REACH u l-BPR. Agħmel it-test interattiv u segwi l-gwida pass b'pass biex tiddikjara b'mod korrett id-daqs tal-kumpanija tiegħek.

**Tikseb appoġġ**
http://echa.europa.eu/mt/support

GĦODDA TAL-IT

Inti tippreżenta d-dossier kimiku tiegħek billi tuża:

- **IUCLID** biex torganizza d-dejta.
- **REACH-IT** u **R4BP 3** biex tippreżenta l-informazzjoni u żżommha aġġornata.
- **Chesar** biex tħejji rapport dwar is-sigurtà kimika.

# Navvanzaw l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi

L-ECHA tikkoopera ma' korpi internazzjonali u aġenziji regolatorji madwar id-dinja dwar kwistjonijiet ġodda u emerġenti relatati mas-sigurtà kimika.

L-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati fil-livell tal-UE li jirrappreżentaw l-industrija, l-akkademja u s-soċjetà ċivili huma akkreditati fl-ECHA u jaħdmu flimkien mal-Aġenzija biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.
http://echa.europa.eu/mt/about-us

# Informazzjoni dwar sustanzi kimiċi

Il-websajt tal-ECHA hija sors uniku ta' informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi mmanifatturati u importati fl-Ewropa, il-karatteristiċi perikolużi, il-klassifikazzjoni u l-użu sigur tagħhom. Din l-informazzjoni tiġi direttament mingħand il-manifatturi u l-importaturi.
http://echa.europa.eu/mt/information-on-chemicals

**Sustanzi kimiċi f'ħajjitna**
Din it-taqsima tal-websajt tispjega kif is-sustanzi kimiċi jistgħu jintużaw b'mod sigur kemm fid-dar kif ukoll fuq ix-xogħol, u d-"dritt li jistaqsu" tal-konsumaturi introdott minn REACH.
http://echa.europa.eu/mt/chemicals-in-our-life

PUBBLIKAZZJONIJIET

- Fuljetti u skedi informattivi
- Fatti u Figuri, rapporti u proċedimenti tal-workshop
- Dokumenti ta' gwida
- "Gwida fil-Qosor"

Sib pubblikazzjonijiet fi 23 lingwa tal-UE fuq:
http://echa.europa.eu/mt/publications

# Nindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib

Aħna naħdmu flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE biex nidentifikaw "sustanzi ta' tħassib serju ħafna" għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u biex niddeċiedu liema sustanzi jeħtieġu ġestjoni tar-riskju regolatorju fil-livell tal-UE. L-għan aħħari huwa li jiġu sostitwiti b'alternattivi iżjed siguri.
http://echa.europa.eu/mt/addressing-chemicals-of-concern

# Inti tista' tinvolvi ruħek

L-ECHA tikkonsulta lill-pubbliku dwar proposti biex:

- Tittestja sustanzi fuq l-annimali,
- Tarmonizza l-klassifikazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi,
- Tidentifika "sustanzi ta' tħassib serju ħafna",
- Tiddeċiedi liema minnhom jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel,
- Tawtorizza l-użu temporanju tagħhom minn kumpaniji individwali,
- Tirrestrinġi ċerti użi ta' sustanzi,
- Tiddeċiedi liema sustanzi attivi bijoċidali jistgħu jiġu sostitwiti minn oħrajn iżjed siguri.

Abbona għal twissijiet u kkontribwixxi:
RSS feed - http://echa.europa.eu/mt/